Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Wara t-tilqima tiegħek Comirnaty (Pfizer) COVID-19

L-aħħar aġġornat: 18 t'Awwissu 2021

## Dwar il-vaċċin

Illum irċevejt **il-vaċċin Comirnaty (Pfizer Australia Pty Ltd).**

Dan il-vaċċin jista' jipprevjeni lin-nies milli jimirdu minn COVID-19. Il-vaċċin Pfizer COVID-19 ma fih l-ebda virus ħaj, u ma jistax jagħtik COVID-19. Fih il-kodiċi ġenetiku għal parti importanti tal-virus SARS-CoV-2 imsejjaħ il-proteina spajk. Wara li tieħu l-vaċċin, ġismek jagħmel kopji tal-proteina spajk. Is-sistema immunitarja tiegħek titgħallem tagħraf u tiġġieled kontra l-virus SARS-CoV-2. Il-ġisem ifarrak il-kodċi ġenetika malajr.

## X'għandek tistenna wara l-vaċċinazzjoni

Bħal kull vaċċin, jista' jkollok xi effetti sekondarji wara li tirċievi l-vaċċin COVID-19.

Effetti sekondarji **komuni** wara l-**Pfizer** jinkludu:

- uġigħ jew nefħa fis-sit tal-injezzjoni
- għejja
- uġigħ ta' ras
- uġigħ fil-muskoli
- deni u bard
- uġigħ fil-ġogi.

Effetti sekondarji **inqas komuni** wara l-**Pfizer** jinkludu:

- ħmura fis-sit tal-injezzjoni
- dardir
- glandoli linfatiċi mkabbra
- tħossok ma tiflaħx
- uġigħ fir-riġlejn/dirgħajn
- Insomnja
- ħakk fis- sit tal- injezzjoni.

Dawn l-effetti sekondarji ġeneralment ikunu ħfief u normalment jgħaddu fi żmien ġurnata jew tnejn. Xi persuni li jirċievu t-tilqima ser jesperjenzaw sintomi aktar sinifikanti bħal dawk tal-influwenza minn din it-tilqima a paragun ma' tilqimiet oħra komuni u għandhom mnejn ikollhom bżonn ħin 'il bogħod mill-attivitajiet normali. Dawn is-sintomi għandhom mnejn jirriżultaw wara kull waħda minn dawn id-dożi imma huma aktar komuni wara t-tieni doża.

Jekk ikollok uġigħ fis-sit tal-injezzjoni jew deni, uġigħ ta' ras jew uġigħ fil-ġisem wara l-vaċċinazzjoni, tista' tieħu paracetamol jew ibuprofen. Dawn jgħinu biex inaqqsu s-sintomi ta' hawn fuq (m'għandekx bżonn tieħu paracetamol jew ibuprofen qabel il-vaċċinazzjoni). Jekk ikun hemm nefħa fis-sit tal-injezzjoni, tista' tuża kompressjoni kiesħa.

Effetti sekondarji **rari** li ġew irrappurtati wara l-**Pfizer** huma:

- Reazzjoni allerġika severa (anafilassi.)
- mijokardite (infjamazzjoni tal-muskolu tal-qalb), perikardite (infjamazzjoni tal-kisja ta' barra tal-qalb). Il-biċċa l-kbira tal-każi kienu moderati, u rkupraw malajr għalkemm immonitorjar ta' dawn il-każi fit-tul għadu sejjer. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet ġew irrappurtati wara t-tieni doża fil-biċċa l-kbira tal-każi fost adulti żgħażagħ (età < 30 sena).

Għandek tfittex għajnuna medika wara l-vaċċinazzjoni jekk:

- taħseb li qed ikollok reazzjoni allerġika. Ċempel 000 jekk ikollok sintomi severi, bħal diffikultà biex tieħu n-nifs, tħarħir, taħbit mgħaġġel tal-qalb jew kolass
- għandek uġigħ f'sidrek, pressjoni jew skomfort, taħbit irregolari tal-qalb, taħbit maqbużin jew ritmu annormali , tintilef minn sensik, qtugħ ta' nifs jew tħoss uġigħ meta tieħu n-nifs
- inkwetat dwar effett potenzjali sekondarju jew għandek sintomi ġodda jew mhux mistennija
- għandek effett sekondarju mistenni tal-vaċċin li ma jkunx għadda wara ftit jiem.

Għal sintomi li mhumiex urġenti, tista' tara l-fornitur regolari tiegħek tal-kura tas-saħħa (pereżempju t-tabib tiegħek tal-familja (il-GP tiegħek)).

## Monitoraġġ tas-sigurtà tal-vaċċin u rrapportar ta' effetti sekondarji

Tista' tirrapporta l-effetti sekondarji suspettati lill-fornitur tiegħek tal-vaċċinazzjoni jew lil professjonist ieħor tal-kura tas-saħħa. Huma mbagħad jagħmlu rapport formali f'isimek lid-dipartiment tas-saħħa tal-istat jew tat-territorju tiegħek jew direttament lill-Amministrazzjoni tal-Prodotti Terapewtiċi (TGA).

Jekk tippreferi tirrapporta int stess, jekk jogħġbok żur ir-rappurtar ta' effetti sekondarji suspettati assoċjati mal-vaċċin COVID-19 fuq il-paġna tal-web li hi fuq il-websajt tat-TGA u segwi d-direzzjonijiet fuq il-paġna.

## L-ittestjar għall-COVID-19 wara l-vaċċinazzjoni

Xi effetti sekondarji mill-vaċċinazzjoni COVID-19 jistgħu jkunu simili għas-sintomi tal-COVID-19 (eż. deni). Pfizer ma fih l-ebda virus ħaj u ma jistax jikkawża COVID-19. Jista' ma jkollokx bżonn tagħmel test tal-COVID-19 jew tiżola:

- jekk tiżviluppa sintomi ġenerali bħal deni, uġigħ ta' ras jew għeja fl-ewwel jumejn wara l-vaċċinazzjoni u
- jekk tkun ċert li m'għandek l-ebda sintomi respiratorji (eż. imnieħer inixxi, sogħla, uġigħ fil-griżmejn, ma tkunx kapaċi xxomm jew telf ta' togħma).

Madankollu, għandek tiċċekkja l-linji gwida kurrenti fl-istat/territorju tiegħek għall-aktar informazzjoni aġġornata. Dan il-parir jista' jinbidel fil-każ ta' tifqigħa COVID-19 fiż-żona lokali tiegħek. Għad jista' jkollok bżonn tagħmel it-test COVID-19 jekk tissodisfa kriterji oħra, eż. Int kellek kuntatt mill-qrib ta' każ magħruf ta' COVID-19. Jekk għandek dubju, fittex valutazzjoni medika.

## Ftakar fit-tieni appuntament tiegħek

Huwa importanti li tirċievi żewġ dożi ta' (il-Pfizer) COVID-19 vaċċin. Dawn id-dożi ġeneralment jingħataw minn 3 sa 6 ġimgħat 'il bogħod minn xulxin, imma jistgħu jiġu rrakkomandati perjodi itwal f'ċirkustanzi speċjali. X'aktarx it-tieni doża ser ittawwal il-perjodu ta' protezzjoni kontra COVID-19.

## Kif tintuża l-informazzjoni li tipprovdi fl-appuntament tiegħek

Għal informazzjoni dwar kif id-dettalji personali dwarek jinġabru, jinħażnu u jintużaw żur https://www.health.gov.au/using-our-websites/privacy/privacy-notice-for-covid-19-vaccinations